**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A24-14

11 ta' Frar 2014

## Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/24

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tnejn **17 ta' Frar 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Mozzjoni klg6/05 – Applikazzjoni-Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-Responsabbilta ta' Librerija Lokali
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2013*
7. Diskussjoni Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**17 ta' Frar 2014**

**Seduta Nru: 23 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 20 ta' Jannar 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, J.M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għal parti mill-laqgħa l-Perit Matthew Bugeja mid-ditta Joe Bugeja & Associates, Periti tal-Kunsill.

**Skużati:**

Il-Kunsillier Sinjura Vincenza Attard minħabba li kienet indisposta.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-14 ta' Jannar 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

Iċ-*Chairman* talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex jiġu diskussi *items* 5 u 6 ta' l-Agenda minħabba l-fatt li kien preżenti l-Perit Matthew Bugeja.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-ħruġ ta' Sejħa għall-Offerti – *Pavements & Kerbs***

**5.1** Iċ-*Chairman* informa li t-toroq li kienu ser jiġu sottomessi biex issirilhom manutenzjoni ta' partijiet mill-bankini proġett li kien ser jiġi ffinanzjat mill-*U.I.F.* kienu:

Triq Manoel de Vilhena (mix-Xatt sa Triq Nazju Ellul)
Triq Nazju Ellul (minn Misraħ Turu Colombo sa Sliema Road)
Triq San Albert lower (minn Triq Ganni Bencini sa Triq Parisio)
Triq Luqa Briffa (minn Triq Sir William Reid sa Triq Sliema)
Triq Moroni (minn Triq Belvedere sa Triq Ganni Bencini)
Triq Edgar Bernard

Il-Perit qal li l-*BOQ* minn naħa tagħhom kienu lesti iżda ma jistgħux jiġu sottomessi minħabba li kien għad jonqos il-*BOQ* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma li kienu għadhom ma waslux. Huwa kompla jgħid li l-ammont globali mingħajr il-*WSC* kien ta' €428,000.

Iċ-*Chairman* qal li ammont tal-*U.I.F.* li għandu l-Kunsill huwa madwar €442,000 u fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill m'għandux jonfoq dan l-ammont kollu għal dan il-proġett u għalhekk, il-Kunsill għandu jiddeċiedi skont il-prijoritajiet.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li jsiru s-segwenti toroq:

Triq Manoel de Vilhena (mix-Xatt sa Triq Nazju Ellul)
Triq Nazju Ellul (minn Misraħ Turu Colombo sa Sliema Road)
Triq San Albert lower (minn Triq Ganni Bencini sa Triq Parisio)
Triq Luqa Briffa (minn Triq Sir William Reid sa Triq Sliema)

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-ħruġ ta' Sejħa għall-Offerti *Re-surfacing* ta' Triq Manoel de Vilhena**

**6.1** Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, ġie deċiż li r-*re-surfacing* ta' Triq Manoel de Vilhena għandu jsir mix-Xatt sa Triq ir-Rebħa u minn Triq Kubrit sa Triq D'Argens. B'hekk l-inkruċjata (ħdejn *Queens Confectionery*) ma tintmessx.

Il-Perit informa li kellu kwotazzjoni mid-ditta *Solid base Laboratory Ltd* sabiex isiru testijiet ta' *core drilling and material description* minn Triq Carlo Manche' sax-Xatt liema kwotazzjoni kienet tammonta għal €719.80 VAT inkluża.

Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu dawn it-testijiet għandhom isiru.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li wieħed mit-testijiet għandu jsir quddiem il-ħanut ta' Pirotta u xtaq li jkun preżenti meta jkun ser isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel unanimament man-nefqa sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Numru 23 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.1 -** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita' *'Christmas Village'* li saret fl-14 ta' Diċembru 2013 kienet suċċess kbir tant, li l-Kunsill rċieva ammont sostanzjali ta' kumplimenti minn residenti u persuni li pparteċipaw u li attendew għal din l-attivita'.

Iċ-*Chairman* rringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex din l-attivita' tirnexxi.

**2.2** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal li r-rivista tal-Kunsill l-Impenn intlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti, speċjalment il-paġni ta' nformazzjoni. Huwa stqarr li wieħed għandu jkun sodisfatt b'dan ir-riżultat partikularment meta tikkonsidra li r-rivista ġiet ppjanata, mmontata u ppubblikata f'qasir żmien.

Iċ-*Chairman* qabel ma' dak li qal il-Kunsillier hawn fuq imsemmi u qal li minkejja li din ir-rivista ħarġet malajr pero' intlaqgħet tajjeb. Huwa kompla jgħid, li jkun aħjar jekk fir-rivista jiżdiedu aktar ritratti biex ir-residenti jkunu jistgħu jaraw x-xogħlijiet li saru u dawk li jkunu qed isiru minflokk il-kitba ta' kull membru tal-Kunsill għaliex fl-opinjoni tiegħu, in-nies ma tantx jagħtu każ ta' ħafna kitba. Huwa kien qed jissuġġerixxi li l-kitba għandha tkun messaġġ mis-Sindku u ieħor mill- Kunsillier Charles Micallef St. John.

Il-Viċi-Sindku qal li l-importanti hu l-messaġġ li ngħatu lir-residenti.

Il-Kunsill qabel ma' dak li ssuġġerixxa ċ-*Chairman*.

Matul id-diskussjoni li saret ġie diskuss jekk il-Kunsill għandux jqabbad fotografu jew tinxtara kamera tar-ritratti biex b'hekk ir-rivista tkun aktar informattiva.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħarġa li jmiss ser tkun f'April 2014.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-20 ta' Jannar 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Iċ-*Chairman* informa li kienet intbagħtet korrispondenza lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u dan minħabba l-fatt li għal darba oħra kien reġa' tħassar l-appuntament li kellu jsir dwar l-akkwist tal-propjeta' *Savoy Gardens.*

**3.3** Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjuri Bugeja li joqgħodu fi Triq Reggie Miller fejn talbu li jiġu nstallati erba' *bollards* quddiem il-propjeta' tagħhom u dan minħabba l-fatt li matul il-lejl ta' l-20 ta' Diċembru 2013 vettura tilfet il-kontrol u baqgħet dieħla fil-faċċata fil-propjeta' msemmija.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din it-talba għandha tintbagħat lit-*Transport Malta*.

**3.4** Rigward korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tal-Kumitat ta' Tismija ta' Toroq dwar resident Gżirjan li xtaq li tiġi msemmija triq għall-missieru, il-Kunsill qabel unanimament li jibqa jżomm mad-deċiżjoni li kienet ittieħded mill-leġislatura ta' qabel.

**3.5** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu waslu *Memo 2/2014* – Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit .

*Memo 3/2014* – Kuntratti/jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart fejn fis-Sejħa għall-Offerti jrid jiġi nkluż paragrafu li jgħid li ' l-kuntrattur ikun marbut li jagħmel dawk it-tibdiliet neċessarji abbażi ta' l-istrateġija ta' l-iskart, skont kif jingħad lilu mill-Kunsill Lokali. Spejjeż żejda għal dan il-għan irid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill Lokali'

*Memo 34/2013* – Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq. Dwar din ta' l-aħħar il-Kunsill qabel unanimament li għandu jipproċedi bil-ħruġ ta' Sejħa għall-Offerti.

**3.6** Rigward kawża għad-danni allegatament sofferti minn Publius Azzopardi vs Kunsill Lokali Gżira, il-Kunsill qabel unanimament li din għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods.

**3.7** It-*Transport Malta* infurmat li l-*pedestrian crossing* fi Triq D'Argens ma kienitx ser issir ħdejn l-*OK Furniture* kif kien talab il-Kunsill iżda kienet ser issir fil-viċinanza tal-*bus stop* b'tali mod li tgħaqqad in-naħa ta' l-*Empire Stadium* u n-naħa tal-*pumping station*.

**3.8** Il-Kunsillier Joseph M Muscat kien ser jattendi għal *The Green Flag Ceremony* li kienet ser issir fid-29 ta' Jannar 2014 fis-sala ta' l-iskola Sekondarja Gżira.

**3.9** Inqrat *e-mail* li ntbagħtet mid-ditta *Muscat Motors Ltd* fejn saret talba biex jiżdiedu l-*water catchments* ma' dak li hemm diġa eżistenti li ma jlaħħaqx mal-kwantita' ta' ilma li jinġabar meta tagħmel ix-xita.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lid-ditta sopracitata li l-Kunsill għandu x'jaqsam biss mal-manutenzjoni u mhux mal-kostruzzjoni ta' *water catchments* u l-Kunsill għandu jinforma lit-*Transport Malta* b'din il-materja.

**3.10** Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John għall-*Qualification Allowance* ta' l-impjegat Mattia Felice.

**3.11** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/23 minn numru 988 sa 1055 (*appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-ħruġ ta' *Expression of Interest* għall-*Live Streaming*

**7.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri għall-pubblikazzjoni ta' l-*Expression of Interest* sopracitata.

## 8. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-ħruġ ta' *Expression of Interest* għall-Perit tal-Kunsill

**8.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku għall-pubblikazzjoni ta' l-*Expression of Interest* hawn fuq msemmija.

## 9. Affarijiet Oħra

**9.1** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu fl-20 ta' Jannar 2014 fi *Project House* il-Furjana dwar il-*Flooding problem at Moroni-Parisio Junction, Sliema/Gżira*.

**9.2** Il-Viċi-Sindku ppreżenta pjanta ddettaljata ta' xogħlijiet ta' *embellishment* tas-*soft area* li hemm fi Pjazza Gerry Zammit. Huwa kompla jgħid li kien qed isir ko-ordinament mal-kuntratturi tal-Kunsill biex dan ix-xogħol isir.

**9.3** Tressqet stima ta' manutenzjoni u tiswijiet tal-*playing field* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa mid-ditta *M-Quip* liema stima kienet tammonta għal €921.00

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li t-tiswijiet għandhom isiru mill-aktar fis u ż-żurżieqa għandha titneħħa u dan minħabba l-fatt li fir-rapport ta' l-Inġinier hemm rrimarkat li hi għolja wisq u għaldaqstant hi perikoluża.

**9.4** Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa dwar il-possibilta' li l-Kunsill joħroġ *Byelaw* dwar roti (ħadd ma jista' juża roti fuq il-bankini) bħal ma sar minn Kunsilli oħra.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandhom jibdew il-preparamenti sabiex tiġi ppubblikata din il-*Byelaw* u jiġi nfurmat ukoll l-Avukat tal-kunsill.

**9.5** Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa jekk jistgħux jibdew isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel fix-Xatt tal-Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li din il-materja għandha tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

**9.6** Il-Viċi-Sindku staqsa jekk iż-żewġ funtani li hemm fuq il-*promenade* jistgħux jerġgħu jiġu riattavati bħala funtani. Huwa kompla jgħid, li l-ispejjeż ta' ħsarat u manutenzjoni jitħallsu mid-Dipartiment.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku għandu jagħmel il-kuntatti meħtieġa.

**9.7** Inqrat *e-mail* li ntbagħtet mis-Sna Sarah Micallef Smith dwar klassijiet taż-*Zumba Gold* li huwa programm għall-Adulti Anzjani attivi u anke persuni li jużaw il-*wheelchairs*.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-persuna sopracitata sabiex din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal.

**9.8** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li kien qed jirċievi lmenti minn xi residenti li kienu qed isiru abbużi ta' *parking* fuq il-*un/loading bays* minn sidien ta' stabbilimenti stess kif ukoll kienet waslitlu nformazzjoni li l-*blue sticker* ta' xi persuni anzjani li fil-preżent kienu qed jgħixu fid-djar ta' l-anzjani, kienu qed jintużaw minn qrabathom.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li dawn il-każi għandhom jiġu rrappurtati lill-Gwardjani Lokali sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

### 9.9 Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa pubblika għandha ssir fis-17 ta’ Frar 2014 fis-7.30 p.m.

### 10 Laqgħa Oħra

**10.1**. Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m. u ġiet aġġornata għat-12 ta’ Frar 2014.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: KLG6/24

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/24 - 17.02.2014 **Data:** 21.01.2014 - 17.02.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ms Nathalie Camilleri | € 284.18 | € 284.18 | | Q | Librarian Services - January 2014 | 31.01.2014 | 006 | 1056 | | | 8752 |
| 2 | Alfa Co. Ltd | € 35.00 | € 35.00 | | D | Rental charges photocopier library | 31.01.2014 | 30006587 | 1057 | | | 8758 |
| 3 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 572.85 | € 572.85 | | T | Job Sheet No: 10023 Traffic Signs-U bars | 25.11.2013 | 18754 | 1058 | | | 8785 |
| 4 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 161.78 | € 161.78 | | T | Job Sheet No: 10029 Traffic Signs-U bars | 27.11.2013 | 18756 | 1059 | | | 8786 |
| 5 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 52.57 | € 52.57 | | T | Job Sheet No: 12786 Road Markings | 14.11.2013 | 18772 | 1060 | | | 8787 |
| 6 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 318.10 | € 318.10 | | T | Job Sheet No: 10041 Traffic Signs | 11.12.2013 | 18805 | 1061 | | | 8788 |
| 7 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 176.03 | € 176.03 | | T | Job Sheet No: 10042 Traffic Signs | 11.12.2013 | 18806 | 1062 | | | 8800 |
| 8 | Koperattiva Tabelli Sinjali | € 518.70 | € 518.70 | | T | Delivery Note No: 3174 R/Marking Paint | 24.10.2013 | 18851 | 1063 | | | 8789 |
| 9 | WasteServ Malta Ltd | € 4,064.39 | € 3,470.42 | | D | Allocated MSW Waste December 2013 | 15.01.2014 | 045443 | 1064 | | | 8759 |
| 10 | Image Systems Ltd | € 70.27 | € 70.27 | | D | 30.11.13 - 31.12.13 Rent-Copies photocopier | 31.12.2013 | rent082895 | 1065 | | | 8760 |
| 11 | Image Systems Ltd | € 83.30 | € 83.30 | | D | 30.11.13 - 31.12.13 Rent-Copies photocopier | 31.12.2013 | rent082896 | 1065 | | | 8760 |
| 12 | ARMS | € 556.87 | € 556.87 | | D | 13.10.13-13.12.13 Admin Office | 20.01.2014 | 17988131 | 1066 | | | 8761 |
| 13 | ARMS | € 420.50 | € 420.50 | | D | 20.09.2013-19.11.2013 Gżira Gardens | 28.01.2014 | 18050535 | 1067 | | | 8762 |
| 14 | ARMS | € 192.63 | € 192.63 | | D | 20.09.2013-19.11.2013 Promenade Gardens | 28.01.2014 | 18050537 | 1068 | | | 8763 |
| 15 | EneMalta | € 408.82 | € 408.82 | | D | Applic.Christmas Lights | 04.02.2014 | | 1069 | | | 8764 |
| 16 | Mr Victor Tedesco | € 2,800.00 | € 2,800.00 | | Q | GLCQ007-2013 Christmas Lights | Feb.2014 | VT-DEL-001 | 1070 | | | 8765 |
| 17 | EcoPure Ltd | € 12.74 | € 12.74 | | D | Consumables Adm Office | 11.02.2014 | 565508 | 1071 | | | 8790 |
| 18 | Print Right Ltd | € 271.40 | € 271.40 | | D | Printing Material Christmas 2013 | 10.01.2014 | 001322 | 1072 | | | 8791 |
| 19 | Print Right Ltd | € 165.20 | € 165.20 | | D | Posters Christmas Village 2013 | 10.01.2014 | 001321 | 1072 | | | 8791 |
| 20 | Squire Bookshop | € 44.35 | € 44.35 | | D | Stationery | 14.02.2014 | 09662 | 1073 | | | 8792 |
| | Sub Total c/f | **€ 11,209.68** | **€ 10,615.71** | | | | | | | | | |
| | Total | **€ 11,209.68** | **€ 10,615.71** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/24**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/24 - 17.02.2014 **Data:** **21.01.2014 - 17.02.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | J&K Contractors Ltd | € 2,557.40 | € 2,557.49 | T | Maintenance in locality | 31.12.2013 | 1390-13 | 1074 | | | 8767 |
| 22 | J&K Contractors Ltd | € 1,667.25 | € 1,667.25 | T | Maintenance in locality | 31.12.2013 | 1391-13 | 1075 | | | 8768 |
| 23 | J&K Contractors Ltd | € 195.51 | € 195.51 | T | Works ramp in Edgar Bernard Street | 31.12.2013 | 1392-13 | 1076 | | | 8769 |
| 24 | J&K Contractors Ltd | € 3,314.08 | € 3,314.08 | T | Works in Ġnien re Exercise Machines | 31.12.2013 | 1393.13 | 1077 | | | 8770 |
| 25 | J&K Contractors Ltd | € 4,038.16 | € 4,038.16 | T | Works in various streets | 31.12.2013 | 1394-13 | 1078 | | | 8771 |
| 26 | J&K Contractors Ltd | € 475.00 | € 475.00 | T | Works in Taliana Lane | 31.12.2013 | 1395-13 | 1079 | | | 8772 |
| 27 | J&K Contractors Ltd | € 1,115.30 | € 1,115.30 | T | Supply of cold Tarmac | 31.12.2013 | 1396-13 | 1080 | | | 8773 |
| 28 | J&K Contractors Ltd | € 950.00 | € 950.00 | T | Cleaning of Soft Area | 28.01.2014 | 1397-130 | 1081 | | | 8775 |
| 29 | G4S Security Services | € 141.60 | € 141.60 | D | C.I.Transit - January 2014 | 31.01.2014 | GS009189 | 1082 | | | 8793 |
| 30 | Squire Bookshop | € 84.02 | € 84.02 | D | Newspapers - January 2014 | 05.02.2014 | 40 | 1083 | | | 8794 |
| 31 | MaltaPost plc | € 52.00 | € 52.00 | D | Postage Stamps Admin Office | 31.01.2014 | | 1084 | | | 8753 |
| 32 | J.F. Mallia Ltd | € 297.79 | € 297.79 | D | Job Nos: 319-320-321 Maint bozoz | 31.,01.2014 | 1027 | 1085 | | | 8796 |
| 33 | Env. L/Scapes Cons. Ltd | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Maint of Soft Areas - January 2014 | 31.01.2014 | 10374 | 1086 | | | 8795 |
| 34 | Smart Office Supplies Ltd | € 17.70 | € 17.70 | D | Stationery | 04.02.2014 | 001444 | 1087 | | | 8797 |
| 35 | RGS Supplies Ltd | € 161.19 | € 161.19 | D | A4 & A3 Copy Paper | 03.02.2014 | 275176 | 1088 | | | 8798 |
| 36 | Alexandra Galea | € 375.00 | € 375.00 | Q | Craft Lessons for the month of January 2014 | 31.01.2014 | 51 | 1089 | | | 8751 |
| 37 | EM Cleaning Services | € 784.00 | € 784.00 | T | Bulky Service - December 2013 - 169 Calls | 31.01.2014 | 110 | 1090 | | | 8755 |
| 38 | EM Cleaning Services | € 836.01 | € 836.06 | T | Public Convenience - January 2014 | 31.01.2014 | 111 | 1091 | | | 8756 |
| 39 | EM Cleaning Services | € 5,590.50 | € 5,590.50 | T | Door to Door - January 2014 | 31.01.2014 | 112 | 1092 | | | 8757 |
| 40 | Joe Bugeja & Assoc. | € 2,776.89 | € 2,776.89 | T | Arch Services re Proposed Parking Resevoir | 14.02.2014 | rfp 1290 | 1093 | | | 8799 |
| | Sub Total c/f | **€ 27,643.69** | **€ 27,643.83** | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | **€ 11,209.68** | **€ 11,209.68** | | | | | | | | |
| | Total | **€ 38,853.37** | **€ 38,853.51** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/24**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/24 - 17.02.2014 **Data:** **21.01.2014 - 17.02.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Gżira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 42 | | | | | | | | | | | | |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier